# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-26 TA' MEJJU 2022**

**Kawża Numru: 5**

**Rik. Ġur. 1015/2020 RGM**

**Carmelo Meli f'ismu proprju u f'isem is-socjeta Carmelo Meli Limited**

**Vs**

**A.A.J.E. Abela Brothers Partnership, Mario Axiaq, Cumbo Bros Partnership, N. & C. Camilleri Partnership, Carmelo Fenech, John Fenech, Laymic Burdnara Partnership, Carmelo Gatt, G.S.L. Grech Brothers Partnership, Philip Meli, Aaron Mizzi, John Mizzi, G. & A. Refalo Partnership, Nazzareno Sammut & Sons Partnership, Victor Vella, E. & S. Zahra Brothers Partnership, Alex Zammit, V. Zammit & Sons Partnership, T. & R. Zammit Partnership, u C. & F. Abela kollettivament joperaw taht l-isem "Burdnara Bulk Cargo Group"**

**Il-Qorti:**

**Dan huwa digriet finali mogħti fil-miftuħ ai termini tal-Artikolu 963 (3A) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar talba ta' uħud mill-konvenuti sabiex il-kawża tiġi dikjarata deżerta.**

Rat ir-**rikors ġuramentat tal-atturi tas-6 ta' Novembru 2020** li permezz tiegħu talbu lill-Qorti (1) tikkundanna lill-konvenuti iħallsuhom is-somma ta' €104,509.36 rapprezentanti prezz bilanċjali ta' inġenji mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenuti u bilanċ ieħor kwantu ħlas ta' servizzi provduti lill-konvenuti iżda li ma ġewx debitament imħallsa; u (2) tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu l-imgħaxijiet legali għall-ħlas tardiv tal-import bilanċjali fuq imsemmi u dan b'effett mid-data meta il-ħlas sar dovut sal-pagament sħiħ u effettiv tal-imsemmi import.

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-konvenuta A.A.J.E. Abela Brothers Partnership tas-27 ta' Jannar 2021** li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed topponi t-talbiet attriċi.

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-5 ta' Frar 2021 tal-konvenuti Cumbo Bros Partnership**, Mario Axiaq, N. & C. Camilleri Partnership, Carmelo Fenech, John Fenech, Laymic Burdnara Partnership, Carmelo Gatt, John Mizzi, G. & A. Refalo Partnership, Nazzareno Sammut & Sons Partnership, Victor Vella, E. & S. Zahra Brothers Partnership, Alex Zammit, V. Zammit & Sons Partnership, T. & R. Zammit Partnership, u C. & F. Abela li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponu għat-talbiet attriċi.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' April 2022 l-avukat tal-atturi talab differiment sabiex jieħu ħsieb il-leġittimazzjoni tal-atti wara l-mewt tal-konvenut Philip Meli kif ukoll sabiex jieħu ħsieb in-notifika ta' uħud mill-konvenuti li kienu għadhom mhux notifikati.

Rat illi l-avukati ta' uħud mill-konvenuti opponew għat-talba għal differiment u talbu li l-Qorti tiddikjara l-kawża deżerta fit-termini tal-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-Qorti tat lill-avukat tal-atturi ġimgħatejn sabiex jippreżenta fir-reġistru ir-risposta tal-atturi għat-talba ta' uħud mill-konvenuti għal dikjarazzjoni ta' deżerzjoni tal-kawża, u ħalliet il-kawża għad-deċiżżjoni dwar dik it-talba.

Rat ir-risposta tal-atturi tal-20 ta' April 2022.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti notifikati qed jitolbu li l-kawża tiġi dikjarata deżerta peress li ġiet intavolata fis-6 ta' Novembru 2020 u sal-udjenza tat-12 ta' April 2022 mhux il-konvenuti kollha kienu ġew notifikati. In sostenn tat-talba tagħhom qed jinvokaw Artikolu 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**Artikolu 963 tal-Kap 12** jipprovdi:

> 1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena.
>
> (2) Fil-qorti tal-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u, fil-qorti fi grad ta'appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata.
>
> (3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet

li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.

(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux.

(4) B'dak kollu li hu miġjub fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx ġiet innotifikata b'att meħtieġ għall-egħluq tal-proċess, tidher waqt is-smigħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni.

(5) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 732(2), kawża, li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa, minkejja l-ordnijiet mogħtija mill-Qorti skont is-subartikolu (3), fiż-żmien hawn fuq imsemmi:

(a) meta l-kawża tkun quddiem qorti tal-ewwel grad, din għandha titqies bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ u li sussegwentement b'ordni tal-qorti, tkun tħalliet għal data mhux speċifikata, u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 964 sa967 għandhom ikunu japplikaw għaliha; u

(b) meta l-kawża tkun quddiem qorti tat-tieni grad, din għandha titqies bħala kawża deżerta.

(6) Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat.

Ikkunsidrat;

Qabel xejn huwa opportun illi jiġu delineati l-prinċipji saljenti regolanti l-istitut tad-deżerzjoni.

**Artikolu 963 tal-Kap. 12** li jipprovdi dwar l-estremi li jwasslu għal dikjarazzjoni ta' deżerzjoni ta' kawża huwa provvediment statutorju ta' ordni pubbliku ( **Av. Dr. Nicolai Vella Falzon noe vs Car One Europe Limited et**." – Prim' Awla - 05/01/2015).

It-termini stabbiliti bis-sub inċiż (1) filwaqt li huma termini perentorji ma jwasslux mal-iskadenza tagħhom għad-deżerzjoni awtomatika tal-kawża kemm-il darba l-qorti ma tkunx tat ordnijiet ai termini tas-sub inċiż (3) u dawk l-ordnijiet jiġu injorati minn min mill-partijiet kellu l-oneru li jottempera ruħu magħhom.

Mhux meħtieġ għal dikjarazzjoni ta' deżerzjoni ta' kawża li titressaq eċċezzjoni formali minn xi ħadd mill-partijiet, anke għaliex hija sollevabbli *ex officio*. (**Scerri Montaldo pro et noe. Vs. Kuraturi Deputati** - Prim' Awla - 21/03/2012).

Peress li s-sanzjoni tad-dezerzjoni hija radikali hafna il-liġi hija intiża sabiex tippenalizza lil min verament naqas milli josserva l-liġi anke wara li ġie rinfaċċjat b'ordni tal-Qorti fir-rigward.

In terma legali ssir referenza għas-sentenza "**Zammit noe vs Almeco Limited**" mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' April 2013:

> "Illi l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux mahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond il-kaz) minhabba htigijiet amministrativi tal-Qorti ( Ara P.A. GCD 5.11.1999 fil-kawza fl-ismijiet **Dr. T. Azzopardi vs V. Aquilina et** … Illi l-Qorti tifhem ukoll li s-sanzjoni tad-dezerzjoni hija wahda radikali tal-process u trid

tithaddem biss u safejn ikunu jghoddu c-cirkostanzi li tahtha jmisshom japplikaw."

L-istitut tad-deżerzjoni huwa applikabbli quddiem il-qrati superjuri u mhux quddiem il-qrati inferjuri. (**Citadel Insurance p.l.c. vs Mizzi** - Qorti tal-Maġistrati (Malta) – 12/01/2014).

Ikkunsidrat;

Delineati l-prinċipji regolanti l-istitut tad-deżerzjoni tal-kawżi quddiem il-qrati superjuri, imiss issa li l-Qorti tiddelibera dwar it-talba ta' uħud mill-konvenuti sabiex il-Qorti tiddikjara l-kawża odjerna deżerta.

**X'jirriżulta mill-atti.**

Ir-rikors ġuramentat promotur ġie intavolat mill-atturi fit-6 ta' Novembru 2020.

Għalkemm konvenuti hemm għoxrien (20), bejn persuni fiżiċi u persuni korporali, fir-Rikors Ġuramentat l-atturi niżlu indirizż wieħed biss: "16, Bridge Wharf, Marsa MRS 1402 [kopja wahda]".

B'digriet tas-17 ta' Novembru 2020 l-Qorti ordnat in-notifika lill-konvenuti b'20 jum għar-risposta ġuramentata filwaqt li appuntat il-kawża għas-smiegħ għall-25 ta' Jannar 2021.

F'dak l-uniku indirizz indikat, sew fir-Rikors Ġuramentat kif ukoll fuq il-folder tan-notifika, ġiet notifikata fis-7 ta' Jannar 2022 l-konvenuta A.A.J.E. Abela Brothers Partneship.

Fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2021 deher l-attur proprio et nomine assistit mill-avukat difensur tiegħu filwaqt li deher l-avukat difensur tal-konvenuta notifikata A.A.J.E. Abella Brothers Partnership li talab li jitħalla jippreżenta r-risposta ġuramentata tal-partroċinati tiegħu sas-27 ta' Janar 2021, għeluq it-terminu tal-20 jum minflok f'dik is-seduta, peress li kien hemm il-probablita' li ser ikun qed

jippatroċinja konvenuti oħra li ma kienux għadhom ġew notifikati. L-avukat tal-atturi ma opponiex u l-Qorti b'digriet mogħti f'dik l-udjenza awtorizzat li r-risposta ġuramentata tiġi ppreżentata sas-27 ta' Jannar 2021. Il-kawża ġiet differita għas-17 ta' Marzu 2021 għan-notifika lill-konvenuti l-oħra.

Il-konvenuta A.A.J.E. Abela Brothers Partneship ippreżentat ir-Risposta Ġuramentata tagħha fis-27 ta' Jannar 2021.

Fil-5 ta' Frar 2021 ġiet ippreżentata Risposta Ġuramentata mill-konvenuti Cumbo Bros Partnership, Mario Axiaq, N. & C. Camilleri Partnership, Carmelo Fenech, John Fenech, Laymic Burdnara Partnership, Carmelo Gatt, John Mizzi, G. & A. Refalo Partnership, Nazzareno Sammut & Sons Partnership, Victor Vella, E. & S. Zahra Brothers Partnership, Alex Zammit, V. Zammit & Sons Partnership, T. & R. Zammit Partnership, u C. & F. Abela.

Is-seduta tas-17 ta' Marzu 2021 ġiet differita għat-2 ta' Ġunju 2021 minħabba l-miżuri relatati mal-pandemija Covid-19.

Bejn l-udjenza tal-25 ta' Jannar 2021 u l-udjenza tat-2 ta' Ġunju 2021 ma saru l-ebda tentativi da parti tal-atturi sabiex jiġu notifikati l-konvenuti li kien jonqos jiġu notifikati.

Fl-udjenza tat-2 ta' Ġunju 2021 deheru sew l-avukat tal-atturi kif ukoll l-avukat ta' dawk li ppreżentaw risposta ġuramentata. Il-Qorti ġiet informata li wieħed mill-konvenuti kien ġie nieqes u għalhekk kien meħtieġ ukoll il-leġittimazzjoni tal-atti. Il-kawża tħalliet għat-12 ta' Ottubru 2021 għan-notifika li kien għad jonqos tal-konvenuti.

Bejn l-udjenza tat-2 ta' Ġunju 2021 u l-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2021 ma saru l-ebda tentativi da parti tal-atturi sabiex jiġu notifikati l-konvenuti li kien jonqos jiġu notifikati u ċioe' Aaron Mizzi, Philip Meli u GSL Grech Brothers Partnership.s

Fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2021 deheru l-avukat tal-atturi u l-avukat tal-konvenuti li kienu ppreżentaw risposta ġuramentata u l-kawża ġiet differita għat-18 ta' Jannar 2022 għan-notifika tal-konvenuti li kien għad jonqos jiġu notifikati.

Bejn l-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2021 u l-udjenza tat-18 ta' Jannar 2022 ma saru l-ebda tentativi da parti tal-atturi sabiex jiġu notifikati l-konvenuti li kien jonqos jiġu notifikati u ċioe' Aaron Mizzi, Philip Meli u GSL Grech Brothers Partnership.

Fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2022 deheru biss l-avukati patroċinanti l-konvenuti li ppreżentaw risposta ġuramentata. F'dik l-udjenza l-Qorti ivverbalizzat li l-kawża kienet ilha tiġi differita għan-notifiika tal-konvenuti li kien jonqos jiġu notifikati sa mill-25 ta'Jannar 2021 u li minn dakinhar l-atturi ma kienu għamlu l-ebda tentativ sabiex isiru n-notifiki li kien jonqos. Għalhekk ivverbalizzat illi: "Fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti qed tikkonċedi l-ahhar differiment għan-notifika lill-imsemmija konvenuti" u ħalliet il-kawża għan-notifika għas17 ta' Marzu 2022.

Is-seduta tas-17 ta' Marzu 2022 ġiet differita għat-12 ta' April 2022 minħabba indisposizzjoni tal-imħallef sedenti.

Bejn it-18 ta' Jannar 2022 u t-12 ta' April 2022 reġa għal darb' oħra ma kien hemm l-ebda tentativ għan-notifika.

Fl-udjenza tat-12 ta' April 2022 deher l-avukat tal-atturi u talab differiment sabiex jieħu ħsieb in-notifika tal-konvenuti li kien jonqos jiġu notifikati kif ukoll sabiex jieħu ħsieb il-leġittimazzjoni tal-atti.

L-avukat tal-konvenuti li qed jikkontestaw l-azzjoni attriċi oppona għal differiment, invoka l-artikolu 963 tal-Kap. 12 u talab li l-kawża tiġi dikjarata deżerta in kwantu mhux il-konvenuti kollha kienu ġew notifikati.

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Huwa paċifiku li tlieta mill-konvenuti għadhom mhux notifikati.

Huwa paċifiku wkoll illi t-terminu perentorju ta' sitt xhur stipulat bl-Artikolu 963 (1) tal-Kap. 12 skada tenut kont li l-kawża odjerna ġiet intavolata fis-6 ta' Novembru 2020.

L-atturi jopponu għat-talba għal dikjarazzjoni ta' deżerzjoni għaliex jikkontendu illi l-Qorti "ma tat ebda ordni xierqa sabiex dawn il-proċeduri jinghalqu kemm jista' jkun malajr....".

In sostenn ta' tali sottomissjoni l-atturi jiċċitaw ukoll is-sentenza li ġiet ċitata mill-avukat tal-konvenuti, **Carmen Seychell vs Jesmond Seychell et** deċiża mill-Prim' Awla fil-15 ta' Diċembru 2015 u jissottomettu illi f'dik il-kawża, a differanza tal-kawża odjerna, l-attriċi ma kinitx għalqet il-proċeduri bil-miktub tal-kawza nonostante l-ordni li tat l-Qorti f'dan is-sens.

Ikkonsidrat;

**Kawża m'għandiex tiġi dikjarata deżerta jekk ma jirriżutax illi:**

**1) It-terminu perentorju stabbilit b'Artikolu 963 (1) ma jkunx skada, u**

**2) Il-Qorti ma tkunx tat ordni li jidhrilha xieqa "sabiex il-proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat li l-kawża tmur deżerta.........."**

Għalkemm huwa minnu li għandu jsir kull sforz sabiex kawża ma tiġiex dikjarata deżerta jekk dan hu evitabbli, fl-istess ħin il-liġi tissanzjona lil juri diżinteress komplet lejn il-proċess ġudizzjarju li jkun huwa stess ta bidu għalih.

Kif ġie ampjament eżaminat supra, l-Qorti tat diversi opportunitajiet lill-atturi sabiex jieħdu ħsieb jinnotifikaw lit-tlett konvenuti li jonqos jiġu notifikati.

Jirriżulta *ictu oculi* mill-atti illi dan ma hux każ fejn attur qiegħed jagħmel minn kollox sabiex jinnotifika lill-konvenuti b'mezzi ta' notifika fil-ħin legali, notifika wara l-ħin legali, u notifika bl-affizzjoni u bil-pubblikazzjoni u ma jirnexxilux jikkonkludi l-proċess ta' notifika fi żmien sitt xhur. F'tali ċirkostanzi l-Qorti ma tagħtix l-ultimatum previst fis-sub inċiz 3 tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12.

Artikolu 963 kif emendat ta flessibilita' lill-Qorti li ma tkunx idejha marbuta jekk jgħaddi it-terminu perentorju ta' sitt xhur u jkun jonqos notifika lill-konvenuti. Tali flessibilita' titfa fuq il-Qorti il-piż li tevalwa l-fatti speċie taċ-ċirkostanzi partikolari u tevita li timplimenta s-sanzjoni tad-deserzjoni meta ma hiex mistħoqqa.

Pero' fil-kawża odjerna huwa mill-aktar evidenti mill-atti illi l-atturi kompletament injoraw id-dover fuqhom impost mil-liġi li jaraw illi l-konvenuti jiġu notifikati fi żmien sitt xhur.

Kif rajna l-kawża ġiet intavolata fis-6 ta' Novembru 2020.

Kien biss fit-18 ta' Jannar 2022, aktar minn erbatax-il xahar wara d-data li fiha ġiet intavolata l-kawża u mhux appena li skada t-terminu perentorju ta' sitt xhur, li l-Qorti, wara li ivverbalizzat l-ismijiet tat-tlett konvenuti li kienu għadhom mhux notifikati, tat l-ultimatum lill-atturi billi iddekretat kif ġej;

> "Fic-cirkostanzi, l-Qorti qed tikkonċedi l-ahhar differiment għan-notifika lill-imsemmija konvenuti".

L-atturi jissottomettu illi dan appena ċitat ma jissodisfax dak previst bis-sub inċiż 3 tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12.

Il-Qorti ma tarax li l-atturi għandhom raġun fir-rigward.

Fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2022 l-Qorti, wara li osservat li l-kawża kienet ilha tiġi differita għan-notifika lill-konvenuti sa mill-25 ta' Jannar 2021 u li skond l-istess atti minn dakinhar sal-jum tal-udjenza l-atturi ma kienu għamlu l-ebda

tentativ sabiex isiru n-notifiki li jonqos, iddekretat li kienet qed tikkonċedi l-aħħar differiment sabiex tagħti l-aħħar opportunita', wara ħafna opportunitajiet oħra, sabiex l-atturi jieħdu ħsieb in-notifiki li kien jonqos.

Għal darb' oħra l-atturi deherilhom, għal raġunijiet tagħhom, li jinjoraw anke dak id-digriet.

Sew l-atturi kif ukoll il-konvenuti jiċċitaw is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta **Carmen Seychell vs Jesmond Seychell** mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2015. F'dik il-kawża, bħal fil-kawża odjerna, wara li kien skada t-terminu perentorju ta' sitt xhur, il-Qorti tat l-aħħar opportunita' sabiex jiġi notifikat minn mill-konvenuti kien għadu mhux notifikat. Jingħad hekk fir-rigward f'dik is-sentenza:

> Fl-istess udjenza, il-Qorti ghamlitha cara inter alia illi kienet qeghda taghti lill-partijiet l-ahhar opportunita` sabiex jiccaraw il-pozizzjoni taghhom, u li kienet qeghda tistenna li kull parti li kienet ghadha fil-kawza, u li kienet ghadha mhijiex notifikata, tkun notifikata skond il-ligi, sabiex il-kawza tkun tista` timxi;
>
> [...]
>
> Bl-imgieba taghha, l-attrici tikkostringi lill-Qorti sabiex tapplika kontra taghha d-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw l-istitut tad-dezerzjoni ghaliex kien unikament tort tal-attrici illi l-procedura tan-notifika gabet il-kawza ghal waqfien. Ghaldaqstant billi jirrizulta li l-proceduri bil-miktub tal-kawza baqghu ma nghalqux fiz-zmien perentorju ta` sitt, nonostante l-ordni li tat din il-Qorti stess fl-24 ta` Marzu 2015, tant li sal-lum jirrizulta li l-kuraturi deputati ghadhom mhux notifikati, il-Qorti qeghda tiddikjara dezerta l-azzjoni attrici.

Is-sentenza appena ċitata hija perfettament applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna. Sew fil-kawża ċitata kif ukoll fil-kawża odjerna, wara li skada t-terminu perentorju ta' sitt xhur il-Qorti tat l-aħħar opportunita' lil minn istitwixxa l-kawża sabiex jieħu ħsieb in-notifiki li kien jonqos. In-nuqqasijiet tal-atturi fir-rigward jikkonstrinġu lill-Qorti sabiex tapplika kontra l-atturi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 963 tal-Kap 12 għaliex kien unikament tort tal-atturi illi n-nuqqas ta' notifika ta' uħud mill-konvenuti waqqaf il-kawża milli tipprosegwi, mhux għal sitt (6) xhur iżda għal sbatax (17) il xahar. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti m'għandiex għażla ħlief li tiddikjara l-kawża deżerta b'effett tan-nuqqasijiet imputabbli unikament lill-atturi kif fuq spjegat.

**Decide.**

**Għal dawn il-motivi u bis-saħħa tal-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti tiddikjara deżerta l-kawża fl-ismijiet premessi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.**

**Bl-ispejjeż kontra l-atturi.**

**Digriet moqri waqt l-udjenza.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
26 ta' Mejju 2022